

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 324/2009**tal-20 ta' April 2009****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orìgini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jamón de Teruel (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-orìgini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾ [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-orìgini "Jamón de Teruel", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾.

- (2) Minħabba li l-emenda konċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni, kif jeżiġi l-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi, ippubblikat it-talba għall-emendi fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾. Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emenda għandha tkun approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda tal-ispeċifikazzjoni ppublikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'dan hija approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 234, 12.9.2008, p. 16.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE

Klassi 1.2. Prodotti abbażi tal-laħam (imsajjar, immellaħ, iffumigat, eċċ.)

SPANJA

Jamón de Teruel (PDO)
